KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

TAS-SLIEMA

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 90

Id-disgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 15 ta' Novembru 2018 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsilllier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier (daħal fit-20.40) |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Kris Busietta | Vici-Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Marianne Aquilina | Kunsilliera |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Graziella Enriquez | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.30 b'din l-Agenda:*

*90.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*90.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*90.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*90.5 Rapporti;*
*90.6 Manutenzjoni Larina Pubblika – Ferro Bay*
*90.7 Milied 2018*
*90.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*90.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*90.10 Mozzjonijiet ;*
*90.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

**90.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

90.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittri t'apoloġiji tal-Vici Sindku, il-Kunsilliera L. Cassar Shaw, M. Aquilina u P. Portelli. Kien hemm qbil li kollha jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

**90.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

90.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 89 tas-seduta tat-17 ta' Ottubru 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

90.2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir korrezzjoni f'punt 89.7.1 li minnflok il-kelma 'Wasteserv' tinkiteb il-kelma 'Gvern'. Kien hemm qbil dwar dan.

90.2.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 89. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 89_17/10/2018*

**90.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

90.3.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq Nicolo Isouard miexi. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li jitpoġġew planki quddiem il-bibien tar-residenti waqt ix-xoghlijiet. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li nstabet ħamrija meta infetħet it-triq u l-kwotazzjoni tax-xogħolijiet se tkun qegħda tvarja madwar Ewro 10,000 minħabba li jrid isir *cement stabilization*. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li jgħaddi bir-romblu sew qabel is-siment. *Triq Nicolo Isouard*

90.3.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva risposta li l-applikazzjoni għal tibdil fl-isem ta' Triq San Trofimu ma' intlaqtgħetx mis-*Street Naming Committee*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kiteb lura lis-*Street Naming Committee* fejn talab ir-raġuni għaliex dawn irrifjutaw. *Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor*

90.3.3 Is-Sindku informa li l-Kunsill kellu talba mill-Plevna Hotel biex tinbiddel l-isem ta' Triq Thorton u tiġi għall-isem *Sunny Borg.* Il-Kunsill ma qabilx dwar dan għaliex ma jarax il-konnessjoni ta' sid il-lukanda ma' Tas-Sliema. *Talba għal tibdil tal-isem tat-triq*

90.3.4 Kien hemm diskussjoni sħiħa dwar il-problema tal-ħamiem u d-diversi ilmenti li l-Kunsill qiegħed ikollu. Ir-residenti talbu li ssir petizzjoni biex il-Kunsill jingħata l-permess għall-*culling*. Il-kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li jsir *survey* fejn il-Kunsill jistaqsi b'dan il-mod 'taqbel mal-policy tal-Gvern dwar il-*culling*? Il-Kunsill qabel li jsir dan is-*survey* b'mod rapprezentattiv billi tingieb stima mill-kumpanija MISCO li maghha diga ghamilna survey iehor. *Hamiem*

90.3.5 Dwar l-offerti tal-*cash in transit* li l-Kunsill kien irċieva, kif ġie deċiż fl-aħħar seduta s-Segretarju Ezekuttiv saqsa diversi Kunsilli oħra x'servizzi għandhom u b'liema rata. Gie nnotat li dawn il-Kunsilli ma jiddepozitawx kuljum allura l-prezz ma jkunx daqshekk għoli fl-ahhar tax-xahar. Kien hemm qbil li tintgħazel l-offerta ta' City Security bħala *cheapest compliant offer*. *Cash in transit*

90.3.6 Dwar it-tender tat-tindif u manutenzjoni tal-latrini, s-Sindku informa li l-kumitat iltaqa. Il-Kunsill irċieva ħames offerti. Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport tal-evalwazzjoni. *Tender -Latrini*

Kien hemm diskussjoni jekk il-Kunsill għandux jagħti ċans lil kuntrattur li hemm prezentament u jekk ix-xogħol ma jsirx tajjeb jitwaqqaf il-kuntratt, u dan alavolja ma hux ic-*cheapest compliant offer*. Il-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio qalu li l-proċedura hi li l-Kunsill irid imur għall-irħas offerta li taqbel mal-kriterji stabbiliti fid-dokument tat-tender.

Kien hemm qbil dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li l-*contracts manager* għandu jipprepara rapport ta' x'hemm bzonn bħalissa biex jinbidel dak kollu li hu mkisser jew ħazin. Is-Sindku irrakomanda biex il-Kunsill jimxi mar-regola għaliex m'hemmx għazla oħra ħlief dik li nagħzlu l-irħas offerta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti u dan għandu jibda mill-1 ta' Diċembru 2018

jekk jigi konkluz il-process ta' evalwazzjoni fuq is-sistema EPPS fil-hin.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-*contracts manager* irid jibgħat rapport kull xahar.

90.3.7 Dwar it-tender ta' tabelli u sinjali, s-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Koptasin qegħdin jaqduna darba kull xahar minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema li għandhom. *Tabelli u Sinjali*

90.3.8 Dwar UDF is-Segretarju Ezekuttiv informa li kiteb lil PA u r-risposta mill-PA kienet li l-flus allokati għal Tas-Sliema ittieħdu biex jiġi zviluppat il-*carpark* tal-Universita. Is-Segretartju Ezekuttiv kiteb lic-Chairman tal-UDF izda l-Kunsill għadu ma rċieva ebda risposta. Is-Sindku propona li l-Kunsill jerġa jibgħat lil PA fl-24 ta' Novembru u jekk ma jirċeviex risposta sa 27 ta' Novembru 2018, il-Kunsill jagħmel konferenza stampa. *UDF*

Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem ma' Kunsilli oħra tal-viċinanza dwar proġetti proposti għaliex jekk dawn isiru konġunti jtuna 100% tal-fondi filwaqt li jekk il-Kunsill jimxi waħdu ituna 70%. Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li Triq il-Kbira hemm bzonn li ssir. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-fondi għadhom ma ġewx approvati.

90.3.9 Is-Sindku informa li ġie avviċinat mis-Sacro Cuor dwar titjib taz-zuntier u talbu jekk il-Kunsill jistax b'xi mod joffri l-għajnuna. Il-Kunsill għandu jitlob *soft copy* ta' din it-talba biex il-Kunsill ikun jista jiċċekkja jekk setgħux japplikaw. *Zuntier – Sacro Cuor*

*Daħal il-Kunsillier D. Muscat fit-8.40pm*
*Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris u V. Galea Pace ġew skuzati mis-seduta fit-8.40 u daħlu lura fit-8.43*

90.3.10 Il-Kunsilliera ġew infurmati li għada se jkunu qegħdin jitqassmu *flyers* dwar il-ħinijiet ġodda tal-ġbir tal-iskart door to door. *Skeda ġdida tal-gbir tal-iskart - flyers*

## 90.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

90.4.1 Il-Kunsillier J. Pillow informa li kien hemm rapport dwar siġra ix-Xatt (fil-viċinanza tal-Knisja Nazzarenu) li kienet se taqa'. ELC ma ħadux azzjoni u s-siġra laħqet waqgħet. *Siġra x-Xatt*

**90.5 RAPPORTI**

90.5.1 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill għad irid jiddiskuti l-iskeda tal-knis, kif kien issuġġerixxa l-*contracts manager* dwar iz-*zoning*. Il-Kunsill irid jiddiskuti ukoll mal-kuntratturi dwar nuqqasijiet oħra bħal, li l-ħaddiema ma jilbsux uniformi, m'hemmx *foreman* li l-Kunsill jista jkellem, taħt il-karozzi ma jsirx eċċ. Il-Kunsill qabel li għandu jsir tqassim permezz taz-*zoning* u nibdew mill-1 ta' Jannar 2019. *Skeda tal-knis fit-toroq*

90.5.2 Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa mas-CEO tal-Greenpak dwar in-nuqqassijiet li kienu diġa issemmew fil-laqgħa preċedenti skont ir-rapport tal-*contracts manager* kif ukoll li l-Kunsill qiegħed jitlob biex l-iskart tar-riċiklaġġ jibda jinġabar mill-istess kuntrattur tagħna li jiġbor l-iskart organiku kif ukoll l-iskart imħallat. ***Greenpak***

**90.6 MANUTENZJONI LATRINA PUBBLIKA – FERRO BAY**

90.6.1 Saret diskussjoni sħiħa dwar il-mauntenzjoni li hemm bzonn isir f'din il-latrina. Kien hemm qbil li *showers* jitpoġġew barra l-latrina. Minħabba l-manutenzjoni kbira li hemm bzonn, kien hemm qbil li għandha toħroġ tender .

**90.7 MILIED 2018**

90.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti dwar it-tizjin li se jkollna f'Tas-Sliema u l-ispejjez involuti għal Kunsill. Il-Kunsill approva dan. Dwar l-attivitajiet tal-Milied is-Sindku se jkellem lil *Junior College Orchestra*. Il-Kunsill se jkun qiegħed jkellem ukoll l-iskejjel kollha f'Tas-Sliema biex jorganizzaw attivita għall-Milied.

**90.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

90.8.1 Il-Kunsillier M. Briguglio ressaq talba li kellu u propona biex jibda jkun hemm sezzjonijiet tac-*chess*. Kien hemm qbil li jsiru fil-Kunsill is-Sibtijiet filgħodu. *Chess sessions*

*Il-Kunsillier J. Pillow ħareġ mis-seduta fid-9.44 u daħal lura fid-9.50.*

90.8.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li kellha diversi talbiet biex il-Kunsill jorganizza *handmaking lessons*.

90.8.3 Is-Sindku propona li s-servizz tal SOS Voluntier Sliema ikollu isem. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li jkun 'Council Cab'. Il-Kunsill qabel dwar dan. *SOS*

90.8.4 Il-Kunsill qabel li għandu jbiegh l-ktieb 'Tisjir mil-Qalb' li ħarġu l-*Community Chest Fund*. *Ktieb għall-Librerija*

90.8.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hemm tenders ta' *Cast Iron Gratings* għall-proġett fi Triq Dingli, kif ukoll tender ghall-servizzi ta' perit għall-aġġudikazzjoni tal-bord. Il-bord se jkun magħmul mis-Sindku bhala Cermen u mill-Kunsilliera P. Radmilli, V. Galea Pace u J. Pillow. *Tenders*

90.8.6 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-kors tal-proġett tal-*EU Homework aid for TCN Parents* beda l-ġimgħa l-oħra u intlaqa' b'suċċess. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li tkun idea tajba li nistiednu lill-Ministru tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill jirriklama dan il-proġett. Kien hemm qbil dwar dan. *Proġett EU Homework aid*

**90.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

90.9.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

90.9.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament dwar il-*claim* tat-tyre u saqsa jekk il-Kunsill hux inxurjat. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb iva.

90.9.3 Il-Kunsill ġie infurmat mill-ERA li biex isir *heavy pruning* irid isir b'tali mod li jibqa zokk. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li navzaw pubblikament qabel ma tkun ħa ssir zabra u ninfurmaw li ġejna avzati hekk mill-ERA. P Radmilli issugerixxa li iva jinzabru, imma ma jsirx *heavy pruning*. Il-Kunsill qabel.

90.9.4 B'referenza għall-pagament numru 60 dwar il-*bollard bases* li hemm fil-Gnien, il-Kunsillier J.Pillow qal li ftit minnhom tqaċċtu. Peress li għad hemm il-garanzija kien hemm qbil li nduruhom għax hemm minnhom jiċċaqalqu wkoll.

90.9.5 B'referenza għall-pagament numru 66 lil Med Developers rigward *multi storey car park*, kien hemm qbil li sa seduta li jmiss il-Kunsill jingħata rendikont ta' kemm fadal spejjez.

90.9.6 Kien hemm qbil li pagament numru 72 pagabbli lil Works Division ma jitħallasx.

90.9.7 Kien hemm talba mill-*Basket Ball Association* biex iwaħħlu *net board*. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u li għandha titwaħħal *Mortimer Playing Field.*

90.9.8 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li jiġu approvati l-pagamenti minbarra numru 72. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 90.10 MOZZJONIJIET

90.10.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

## 90.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

90.11.1 Is-seduta ntemmet fl-22.35 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar it-Tnejn 10 ta’ Diċembru 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 10 ta’ Dicembru 2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |